SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
*e*mail: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 38/K6/10

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 16/12/'10 267**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 16/12/'10 322**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 16 ta' Diċembru 2010.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-3.30 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Sindku Peter Bonello
Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna
Il-Kunsillier Raymond Cachia
Il-Kunsillier Ronald Agius
Il-Kunsillier Edgar Montanaro
Il-Kunsilliera Irene Borg
Il-Kunsillier Norman Vella
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Cher Carmen Fenech.

1.04 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.05 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

## 1.1 Talba

1.1.01 Inqrat it-Talba.

## 1.2. Aġenda

1.2.01 Il-Kunsill mexa' fuq l-avviż li ġie ppubblikat fid-10 ta' Diċembru 2010. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Rapport Finanzjarju
3. Budget / Budget Plan Preparation
4. Performance Bonus
5. Rapport ta' Xogħlijiet
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets
8. Komunikazzjoni mis-Sindku

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

**Minuti - Kunsill**

1.3.01 Iċ-Chairman ressaq il-Minuti 37/K6/10 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Ronald Agius ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 37/K6/10.

1.3.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Il-Viċi-Sindku Richard Scicluna wasal fl-3.40 p.m., peress li kellu diffikulta' biex jidħol għal-laqgħa, minħabba li ħassu mhedded mis-Sur Philip Attard u persuna oħra mhux magħrufa li kienu qegħdin fi triq barra l-uffiċċju tal-Kunsill.

**Minuti - Kumitat Amministrattiv**

1.3.06 Il-Kunsill approva unanimament il-Minuti 04a/KA1/10, l-Minuti 04b/KA1/10 u l-Minuti 05/KA1/10 tal-Kumitat Amministrattiv (Ara Appendiċi 'A').

## 2 Rapport Finanzjarju

2.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bir-Rapport Finanzjarju mill-1 ta' Lulju 2010 sat-30 ta' Settembru 2010 (Ara Appendiċi 'B').

2.02 Is-Segretarju Eżekuttiv tat spjegazzjoni ddettaljata ta' dan ir-rapport.

2.03 Ġie spjegat lill-Kunsill illi mill-fondi disponibbli hemm ammont ta' madwar €39,000.00 dovuti lill-Kumitat Amministrattiv Paceville. Dawn ġejjin mis-sistema ta' l-LES u dħul ieħor minn ħruġ ta' permessi.

2.04 Ġie deċiż unanimament li wara li jitwarrab l-ammont dovut lill-Kumitat Amministrattiv Paceville jitwarrab l-ammont ta' €140,000 sabiex jintużaw fuq il-proġett tat-toroq tal-Public Privat Partnership.

2.05 Wara diskussjoni l-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju mill-1 ta' Lulju 2010 sat-30 ta' Settembru 2010.

2.06 Il-Kunsillier Ronald Agius Borg issekondah.

2.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 3 Budget / Budget Plan Preparation

3.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi l-Budget / Budget Plan Preparation ser jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss.

3.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

## 4 Performance Bonus

4.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-'performance appraisal' tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati tal-Kunsill għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'C').

4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv irrakomandat illi l-iskrivani kollha jingħataw il-massimu tal-performance bonus.

4.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tal-massimu tal-Performance Bonus tas-Segretarju Eżekuttiv u ta' l-iskrivani.

4.04 Il-Kunsillier Ronald Agius ssekondah.

4.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

4.06 Is-Segretarju Eżekuttiv, f'isimha u f'isem l-iskrivani rringrazzjat lill-Kunsill.

## 5 Rapport ta' Xogħolijiet

5.01 Saret riferenza għar-Rapport ta' Xogħolijiet fuq l-andament tal-Kunsill matul is-sena li għaddiet 2010 kif ukoll il-pjan għas-sena li ġejja 2011 (Ara Appendiċi 'D').

5.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona l-approvazzjoni tar-rapport tax-xogħolijiet.

5.03 Il-Kunsilliera Irene Borg issekondatu.

5.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E ').

6.02 Il-Kunsillier Ronald Agius ippropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ssekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

7.01 Il-Kunsill ġie nfurmat illi ma kienx hemm talba għall-Purchase Request Sheets.

**8 Komunikazzjoni mis-Sindku**

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 6235 & 6303 | Email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward Ċirkulari 81/2010 – Notice Boards. |
| 6312 | Ittra mingħand it-Transport Malta rigward il-manutenzjoni tat-toroq. |
| 6367 | Ittra mingħand l-Għaqda ta' l-Armar Festa Madonna tal-Karmnu Balluta rigward presepju artistiku għall-wiri. |
| 6440 & K1435 | Ittra mingħand l-Uffiċċju tal-Prim Ministru rigward attivitajiet kulturali / folkloristiċi fil-lokalita' ta' San Ġiljan. |
| 6510 | Email mingħand il-Blues Limited rigward mapep biex jitpoġġew barra fil-lokalita' ta' San Ġiljan. |
| 6521 & K1619 | Email mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Public Private Partnership fuq Toroq. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 6235 u 6303

8.01 Saret riferenza għall-email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali dwar Ċirkolari 81/2010 – rigward tqegħid ta' 'Notice Boards' mill-MEPA. Ġie deċiż unanimament illi l-Kunsill jissuġġerixxi dawn il-postijiet:-

- ħdejn il-Knisja parrokkjali;
- ħdejn il-monument tal-LOVE;
- ħdejn l-iskola fi Triq Lapsi;
- n-naħa tal-Merħba Pharmacy;
- n-naħa tal-Malta Independent;
- n-naħa ta' l-iskola tas-Sacred Heart;
- ħdejn il-Pjazza tal-Balluta.

8.02 Ġie deċiż ukoll li l-Kunsill mhux ser ikun responsabbli għall-manutenzjoni tagħhom.

Rif. Nru. 6367

8.03 Saret riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda ta' l-Armar Festa Madonna tal-Karmnu Balluta rigward presepju artistiku għall-wiri. Ġie deċiż unanimament illi l-Għadqa ta' l-Armar Festa Madonna tal-Karmnu Balluta tiġi nfurmata illi l-Kunsill ma qabilx li jidħol b'kollaborazzjoni magħhom.

Rif. 6510

8.04 Saret riferenza għall-email mingħand il-Blues Limited rigward mapep biex jitpoġġew barra fil-lokalita' ta' San Giljan. Ġie deċiż unanimament illi, l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jsir f'San Ġiljan u Paceville, dment li:-

- jgħid lill-Kunsill fejn għandu l-ħsieb li jwaħħalhom u għal kemm żmien;
- jagħti l-kwantita';
- ikunu responsabbli għall-manutenzjoni tagħhom;
- japplikaw għall-permess għand il-Kunsill skont il- - *Bye-Laws* ta' l-2006 dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali San Ġiljan).

Rif. Nru. 6521

8.05 Saret riferenza għall-ittra mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi ngħata l-approvazzjoni biex jiġi ffirmat il-kuntratt tal-Public Private Partnership. Saret riferenza wkoll għall-Minuti 37/K6/10 taqsima 6 paragrafu 6.03 fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi l-Amministrazzjoni ma rċeviet l-ebda oġġezzjoni jew kumment sat-30 ta' Novembru 2010 mingħand il-Kunsilliera u għalhekk ser jiġi ffirmat il-kuntratt tal-PPP kif ukoll il-kuntratt ta' l-'Upkeep and Maintenance of Access Roads'. Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tad-dokumenti li ntbagħat lill-kunsilliera Richard Scicluna, Raymond

Cachia u Norman Vella li jinkludi rapport tad-delivery note (Ara Appendiċi 'F').

8.06 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż unanimament li:-

- Tintalab kjarifika mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar x'inhu l-obbligu tas-Segretarju Eżekuttiv jekk xi Kunsillier:-

- ma jaċċetax li juża l-*email account* fuq is-sistema tal-@gov.mt iżda jkun irid li l-affarijiet tal-Kunsill jintbagħtu fuq *email address* ieħor;

- ma jkollux għarfien tal-kompjuter;

- ma jkollux kompjuter.

8.07 Inġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill għall-fatt li l-board-room ta' l-uffiċċju tal-Kunsill hija attrezzata bi tlett kompjuters u printer għall-uzu tal-Kunsilliera.

8.08 Il-Kunsill ġie nfurmat li:-

- l-laqgħa tal-lokalita' ser issir nhar il-Ħamis 13 ta' Jannar 2011 fis-6.00p.m.

- Il-bilanċ tal-leave annwali tas-Segretarju Eżekuttiv, ta' 32 gurnata u 3 ½ siegħa, ser jiġi trasferiti għas-sena 2011.

- Il-bilanċ tal-leave annwali ta' l-iskrivana Josianne Magri, ta' 8 ijiem, ser jiġu trasferiti għas-sena 2011 peress li ser tiżżewweġ, filwaqt li l-iskrivani l-oħra ser ikunu ħadu l-vacation leave kollu tagħhom sa l-aħħar tas-sena 2010.

- It-Tender għall-ġbir ta' skart domestiku nħareġ u jagħlaq nhar it-Tlieta 11 ta' Jannar 2011 fl-10:00a.m.

- Ġiet imġedda l-insurance tal-Kunsill għal tlett xhur oħra sakemm jinħareġ it-tender.

8.09 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat 'reminder' lill-Perit Stephen Farrugia u lill-Kuntrattur Dimbros Ltd. biex jiltaqgħu 'on site' fi Triq il-Kbira quddiem residenza numru 159 wara l-allegat ħsara li saret fuq it-tarġa ta' din residenza, sabiex il-Perit jiġġustifika jekk il-ħsara setgħetx saret mill-Kuntrattur.

8.10 Iċ-Chairman għalaq il-laqgħa fl-5.10 pm.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |